**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Alice Debono fil-kwalita` taghha ta' Managing Director ta' U.D.C. Euro Ltd. Ta' Factory C, Industrial Estate, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita' Nru 204944 (M)**

Illum 13 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata talli fit-23 ta' Lulju 199 u qabel din id-data naqset li thallas sahra, b'rata shiha lill-ex-impjegat taghha Joseph Gatt f'total ta' 238.5 sighat matul is-sena 1998 u 113 siegha matul is-sena 1999, liema differenza tammonta ghal Lm191.99c u Lm93.79c rispettivament ghal total globali ta' Lm285.78c. Aktar talli naqset ukoll li taghti lill-istess Joseph Gatt il-vakanzi kollha bil-hlas dovuti lilu, billi baqghalu jinghata hames granet u naqset li tikkumpensah ta' dan fl-ammont ta' Lm66.75c.

Il-Qorti hi mitluba bir-rispett li tordna l-akkuzata li thallas lil Joseph Gatt is-somma ta' Lm352.53c kif hemm spjegat aktar 'il fuq.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi din l-akkuza tkopri zewg perjodi ta' allegat nuqqas ta' hlas ta' salarju shih u cioe` dak ta' l-1998 u dak ta' l-1999. Din l-akkuza nharget fl-1 ta' Novembru 1999 u din l-azzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sena mill-kommessjoni tar-rejat. Ghalhekk din il-Qorti tista' tezamina u tiddeciedi biss dwar dak li allegatament sehh fil-perjodu bejn it-2 ta' Novembru 1998 u l-1 ta' Novembru 1999.

L-akkuza tinkorpora talba ghal hlas ta' 238.5 siegha xoghol li saru fl-1998 u l-Qorti hija obbligata li tikkonsidra din fid-dawl ta' l-artikolu li jolqot din il-preskrizzjoni. Ghalhekk din il-Qorti tiddikjara l-azzjoni preskritta kwantu t-talba ta' hlas ghal 238.5 siegha matul is-sena 1998.

Dwar it-talbiet l-ohra, l-provi juru illi l-kwerelant qed jistenna hlas bir-rata tas-sahra ghal hin kollu li hu jaghmel wara l-hin tax-xoghol biex jivvjagga lura lejn Ghawdex wara li jkun spicca mix-xoghol effettiv tieghu f'Malta konsistenti fi twahhil ta'

bibien. L-imputata tghid illi l-impjegat dejjem thallas ta' dan iz-zmien bir-rata tax-xoghol miftiehma u cioe` bil-flat rate li tkun ikkunsidrata sal-hin li hu jkun nizzel fil-punch card malli jasal lura Ghawdex fil-fabbrika.

Dak li qed tintalab din l-Qorti effettivament jammonta ghad-decizjoni dwar jekk dan il-hin li l-imputata tallega li huwa thallas bhala travelling allowance ghandux jitqies bhala overtime jew le. Il-fatt illi din il-kwistjoni qieghda quddiem din il-Qorti fil-kompetenza kriminali taghha jfisser li ma hemmx provvediment ad hoc fil-Kapitolu 135 u l-Avvizi Legali maghmula bis-sahha tieghu u li in segwitu jfisser illi f'tali nuqqas dan ma jammontax ghal rejat.

Jekk fl-ebda dispozizzjoni tal-ligijiet taghna ma hemm imnizzel illi tali hin ghandu jithallas bir-rata tas-sahra allura din il-Qorti ma tistax issib htija kriminali kontra l-imputata u ma tistax issib htija dwar it-talba ta' kumpens ghall-hames (5) granet vaganzi stante li ma tirrizultax.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur